MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1196/1980/1

***Perit Joseph Barbara; Joseph Carbonaro, Lina mart John Zammit, u Carmen mart Paolo Galea, bhala eredi tal-mejjet Emanuele Barbara; Hecto Barbara bhala ezekutur testamentarju tal-istess Emanuel Barbara, Hector Barbara, Angiolina sive Lilian mart Joseph Grima, Joseph Barbara, Teresa sive Tessie mart Edward Vella, Paul Barbara, Anthony Barbara, u Carmelin mart Wilfred Cassar, bhala eredi tal-mejjet Felice Barbara; u l-istess Hector Barbara, bhala mandatarju generali ta' Giacomina sive Jamy mart Joseph Mifsud, assenti, eredi ohra ta' Felice Barbara (l-istess Felice Barbara kien eredi ta' Emanuele Barbara)***

***vs***
***Segretarju tal-War Damage Commission***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew**: illi l-attur AIC Joseph Barabara u l-mejjet Emanuele Barbara kienu ghamlu “Claims” lill-War Damage Commission sabiex issir ir-rikostruzzjoni tal-propjeta’ taghhom 3-4-5 Timber Wharf u 77-78-79-80 Fisherman Street, Marsa; illi sal-lum il-perit Joseph Barbara u l-atturi l-ohra (bhala aventi kawza ta’ Emanuele Barbara) ghad ma rnexxilhomx jikkompletaw ir-rikostruzzjoni tal-istess proprjeta’ izda lahqu ghamlu parti mix-xogholijiet rikjesti; illi l-Kummissjoni fl-19665 kienet iffisat il-“permissible amount” ghall-imsemmija rikostruzzjoni u dan ghamlitu a bazi tal-prezzijiet korrenti fl-1954-55 u mhux dawk korrenti fl-1966; illi skond l-artiklu 19(3) (ii) tal-War Damage Ordinance, n-nefqa xierqa ghandha tkun bazata fuq il-prezzijiet tal-irkaptu u r-rati ghall-hlas tax-xoghol “li jkunu korrenti fis-suq meta x-xogholijiet ikunu tabilhaqq saru”; illi l-Kummissjoni write bic-car li mhiex fi hsiebha tirrevedi l-“permissible amount” skond il-prezzijiet ta’ meta giet ezegwita parti mix-xoghol u ta’ meta sa jigu ezegwiti x-xogholijiet li fadal;

**Talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tiddikjara li l-“permissible amount” fissat mill-War Damage Commission ghar-rikostruzzjoni tal-fondi fuq imsemmija ghandu jigi rivedut, ghax-xogholijiet gja’ ezegwiti, a bazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xogholijiet gew fil-fatt ezegwiti;
2. Tikkundannak sabiex taghmel l-imsemmija revizjoni;
3. F’kaz li inti tonqos li taghmel dan, tghaddi hija stess biex taghmel l-imsemmija revizjoni;
4. Tiddikjara li, ghax-xogholijiet ta’ rikostruzzjoni tal-istess fondi li ghad iridu jigu ezegwiti, l-“permissible amount” gia stabilit ghandu jigi rivedut a bazi tal-prezzijiet korrenti fis-suq fiz-zmien meta x-xogholijiet jigu fil-fatt ezegwiti;
5. Tikkundannak sabiex inti taghmel l-imsemmija revizjoni;
6. F’kaz li inti tonqos li taghmel dan tghaddi hija stess biex taghmel l-imsemmija revizjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali gia' Segretarju tad-djar fejn il-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament, illi huwa gie konvenut f'din il-kawza in forza ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta u fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, tad-9 ta' Ottubru, 1990 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Perit Arkitett Joseph Barbara vs Onor Prim Ministru noe" (Rik. Kost. 91/80) u dana bhala parti mir-rimedju illi dik il-Qorti ghanha taghti lill-atturi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-20 ta' Jannar 1989 fl-atti ta' l-istess kawza.

Huwa car illi in vista ta' l-Att ta' l-1980 li jhassar l-Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra (Kap. 289 Vol. VI) dina l-Onorabbli Qorti ma tista qatt tilqa t-talbiet kif redatti fic-citazzjoni fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha izda l-istess talbiet iridu jigu kunsidrati mill-istess Qorti fil-gusidizzjoni Kostituzzjonali biss ghall-fini li jigi ezaminat x'ghandu jkun ir-rimedju li ghandhom jinghataw l-atturi, jekk hemm lok ghalih, wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-20 ta' Jannar, 1989 fuq citata.

Illi ghaldaqstant l-esponent jeccepixxi illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha jew tichad it-talbiet ta' l-atturi in vista tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 289 jew tirrinvija l-atti tal-kawza lill-Qortili ghandha tkompli tisma l-kawza kostituzzjonali fuq imsemmija sabiex dik il-Qorti tkun tista' tikkunsidra t-talbiet ta' l-atturi u tara jekk hemmx lok li huma jinghataw rimedju ulterjuri ghall-pregudizzju li huma allegatament sofrew bil-promulgazzjoni ta' l-Att XXIX ta' l-1980 (Kap. 289).

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-atturi stante li d-disposizzjonijiet ta' l-Art. 24 ta' l-Ordinanza Nru. 111 ta' l-1943 kienu jistipulaw b'mod esklussiv il-mezzi legali ghad-disposizzjoni ta' min ikun irid jikkontesta

determinazzjonijiet ta’ valur maghmulin mill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-karenza ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti milli tiehu konjizzjoni ta’ l-azzjoni stante li din hija diretta biex tistieden lill-Qorti tezercita funzjoni amministrattiva f’lok wahda gudizzjarja billi tassumi l-inkarigu li tagixxi hi ta’ Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra, u dan kuntrarjament ghal dak li tghid il-ligi;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi kwantu (u jekk) diretta biex iggieghel lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra taghmel xi pagament lill-atturi bhala konsegwenza ta’ allegat fatt illecitu l-azzjoni hi preskritta fit-termini ta’ l-Art. 2153 tal-Kodici Civili.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi kwantu diretta ghall-hlas ta’ allegat kreditu l-azzjoni hi preskritta fit-termini ta’ l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili.

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet ta’ l-atturi huma inattendibbli stante li imkien fic-citazzjoni ma huwa allegat illi xi decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kienet nulla u ma hemm xejn fil-lligi li jawtorizza lill-Qorti sabiex tordna lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra tirrevedi decizjoni li hija tkun hadet validament.

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-operat tal-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra fil-materja indikata huwa gust u skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat li fl-udjenza l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza [numru 510/71] fl-ismijiet *Emanuele Barbara et vs Salvino Bugeja* nomine deciza llum u li l-meritu taghha huwa simili ghal dak involut f' din il-kawza.

Illi f' din il-kawza, il-konvenut ssolleva zewg eccezzjonijiet li jimmeritaw li jigu decizi preliminarjament, qabel ma din il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni fuq il-meritu. L-ewwel eccezzjoni hija dik tal-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2153 u dik kontemplata fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16; filwaqt li t-tieni eccezzjoni li ser tigi ezaminata f' dan il-gudizzju hija dik bazata fuq id-dispost tal-artikolu 1483 li jkkontempla u jiddixxiplina c-cessjoni tad-drittijet litigjuz tal-istess Kap.

**Preskrizzjoni**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut *inter alia,* eccepixxa il-preskrizzjoni biennali kontemplata fl-Artikolu 2153 f' dawn it-termini *"..illi kwantu (u jekk) [l-azzjoni hija] diretta biex iggieghel lill-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra tagheml xi pagament lill-atturi bhala konsegwenza tal-allegat fatt illecitu l-azzjoni hija preskritta fit-termini .."*[1] tal-imsemmi artikolu. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu[2] il-konvenut spjega li l-azzjoni tal-attur hija milquta b' din il-preskrizzjoni stante li l-attur qeghdin *"sostanzjalment jirreklamaw danni naxxenti minn fatt illecitu u cioe' l-allegat agir illecitu tal-Kummissjoni li huma jsostnu li vvjolat il-ligi bil-mod kif ghamlet l-istimi."*[3]

Illi kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Joseph Bowman noe vs Emanuel Cachia et noe***,[4] ghall-fini tad-determinazzjoni ta' liema perijodu preskrittiv huwa applikabbli, wiehed ghandu jhares lejn in-natura ta' l-azzjoni esperita. It-termini preskrittivi nvokati [bijennali u kwinkwennali] huma dawk

[1] Fol.48
[2] Fol.156
[3] Ibid.
[4] App.Civ. 1998 – Vol.XXXII.II.1194

inerenti ghall-preskrizzjonijiet estintivi ta' l-azzjoni u konsegwentement, hi dik l-azzjoni, kif arginata fil-parametri tal-premessi u t-talbiet taghha, li ghandha tidditermina liema huwa l-perijodu preskrittiv applikabbli.

Din l-osservazzjoni tapplika ghaz-zewg preskrizzjonijiet invokati mill-konvenut, u cioe'dik kontemplata fl-Artikolu precitat, kif ukoll dik bazata fuq l-Artikolu 2156 (f) dejjem tal-kap.16.

Illi l-konvenut qed isostni li sostanzjalment it-talba attrici tammonta ghal talba ghad-danni naxxenti minn fatt illecitu u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 2153. In propositu ghat-tip ta' preskrizzjoni applikabbli fil-kaz ta' danni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et.***[5] osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tlett xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin]; u l-istess Qorti kompliet billi ccitat sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell, ***Emanuele Cassar vs Marija Ciappara*** [6] fejn dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk: *"il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b' reat tapplika biss ghad-danni akwiljana, naxxenti minn kawzi li, penalment mhumiex reati, imma jkunu delitti civili jew kwazi delitti.."*

Illi bazikament fil-kaz in disamina l-atturi ppremettew li huma kienu ghamlu *'claims'* mal-War Damage Commission fuq il-fondi indikati fl-att tac-citazzjoni, izda l-ammont ta' kumpens akkordat lilhom mill-Kummissjoni ghar-rikostruzzjoni tal-istess irrizulta li kien inadegwat ghar-rikostruzzjoni intiera. L-atturi qed isostnu li fil-komputazzjoni tal-ammont il-Kummissjoni ma segwitx il-kriterju stabbiliti mill-Ordinanza fl-Artikolu 19 (3). Ghaldaqstant huma talbu li l-ammont fissat mill-Kummissjoni ghandu jigi rivedut.

---
[5] Deciza 5 ta' Ottubru 1998 – Vol.LXXXII.II.751
[6] Deciza 2 ta' Marzu 1953

Illi mill-kwadru premess ma jistax jinghad li l-azzjoni tal-atturi hija azzjoni ghad-danni rizultanti minn delitt civili jew kwazi delitt kontemplati fl-Artikoli 1029 *et seq* tal-Kodici Civili; imma hija azzjoni bazata fuq inadempjenza shiha ta' obbligu legali da parti tal-Kummissjoni fil-konfront tal-atturi, fis-sens li, dejjem skond l-azzjoni attrici, l-obbligu tal-kumpens dovut lill-atturi *ex lege* bis-sahha tal-Ordinanza Dwar il-Hsarat tal-Gwerra, ma giex onerat fit-totalita' tieghu.

Illi in propositu hija rilevanti l-osservanzjoni li ghamlet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fir-rikors prezentat mill-attur Joseph Barbara, allura rikorrent, fl-ismijiet ***Perit Arkitett Joseph Barbara vs Onorevoli Prim Ministru noe***.[7] illi l-Gvern Ingliz ried li l-flus jithallsu lill dawk il-persuni li kienu sofrew hsarat tal-Gwerra u dan b' mod gust u ekwu, u ghalhekk permezz tal-Ordinanza giet kostitwita l-War Damage Commission biex tkun tista' tezamina t-talbiet li jsirulha minn nies li kienu sofrew hsarat. *"B' hekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-Kummissjoni u l-persuni li kellhom dritt jibbenefikaw that l-Ordinanza. In fatti waqt li l-Kummissjoni kellha l-obbligu [ex lege] li tilqa' t-talbiet li jsirulha ai termini tal-Ordinanza, inghata dritt lil dawk li kienu sofrew il-hsarat tal-Gwerra, u cioe' li jibbenefikaw mill-istess Ordinanza……… Issa fejn ikun hemm obbligu impost fuq xi persuna versu haddiehor dan jimporta dritt favur l-iehor….. Illi jidher bla dubbju ta' xejn li mill-Ordinanza III tal-1943 stess li din qeghda tikkonferixxi drittijiet lill-persuni li jikkwalifikaw ghall-kumpens ghal War Damage…"* Inoltre, dik l-Onorabbli Qorti, wara, li per via ta' ezempju, ccitat l-Artikolu 32 tal-Ordinanza li jikkontempla d-dritt tal-persuna ntitolata ghall-beneficju li ccedi d-dritt taghha lil terzi; osservat li *"Dan ifisser li wiehed mhux biss ghandu dritt li jibbenefika that l-Ordinanza izda ghandu dritt wkoll li jcedi jew li b' xi mod iehor jiddisponi mill-istess dritt".*[8]

[7] Deciza 20 ta' Jannar 1989 folo.53 *et seq* tal-process
[8] Fols.67-68

Dan kollu juri li l-kumpens dovut that l-Ordinanza huwa pagament derivanti minn obbligu legali fuq il-Kummissjoni, li kien jissarraf fi dritt ghal min kien intitolat ghalih.

Illi il-premess huwa rilevanti ghall-vertenza in ezami ghax juri bic-car li dak li qeghedin jitolbu l-atturi mhux danni emanenti minn delitt jew kwazi delitt, imma t-talba taghhom hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut ma ssodisfatx pienament it-termini tal-ligi, u allura n-natura tal-azzjoni hija wahda ta' inadempiment parzjali ta' obbligu legali u mhux wahda ta' danni. Konsegwenza ta' dan il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 fuq citat mhijex applikabbli ghal dan il-kaz.

Izda l-istess ma jistax jinghad ghall-preskrizzjoni indikata fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 li jikkontempla terminu preskrittiv ta' hames snin f' kaz ta' *"azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali* ***jew minn hwejjeg ohra,*** *meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, that preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku"*[9].

Illi stabbilit li, in vista tan-natura tal-azzjoni odjern, tista' tkun applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu precitat, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami ta' din l-eccezzjoni fid-dawl tal-provi mressqa. Illi mill-kumpless tal-provi prodotti fiz-zewg kawzi, dik bin-numru 510/71 u dik odjerna, li nstemghu kontestwalment, jirrizulta li fil-perijodu bejn is-snin **1952 u 1953** l-Kummissjoni kienet irrifjutat it-talba ghall-kumpens ta' Lm57,000 maghmula minn Emanuele Barbara u l-Perit Joseph Barbara u, minflok, approvat kumpens ta' circa Lm19,000,.[10]

Sussgwentment, fis-sena **1966**, wara li l-atturi Barbara kienu ffinalizzaw parti mir-rikostruzzjoni tal-fondi, l-istima fuq talba taghhom giet riveduta mill-Kummissjoni. Dan, skond ix-xhieda tal-Perit Barbara, sar wara li huwa kien wera lill-Kummissjoni l-kontijiet kollha u wera wkoll li kien hareg minn butu s-somma ulterjuri ta' circa Lm9,000.

---

[9] Emfasi mizjuda
[10] Deposizzjoni Perit Joseph Barbara – 25 ta' Ottubru 1953 fol.245

Kien f' dan l-istadju, li kienet saret revizjoni tal-ammont approvat originarjament u li gie komputat mill-Kummissjoni fl-ammont ta' Lm28,486.

Illi dan l-ammont ma giex accettat mill-atturi Barbara peress li skond huma ma kienix serja u realistiku. Konsegwentement fl-4 ta' Gunju **1971** dawna pprezentaw citazzjoni [nurmu 510/71] kontra Salvino Bugeja ghan-nom tal-War Damage Commission li minn naha tieghu pprezenta nota tal-eccezzjonijiet fl-24 ta' Gunju 1971.

Fil-mori ta' dawk il-proceduri, l-imsemmi Perit Joseph Barbara u ohrajn fethu l-proceduri odjerni permezz ta' citazzjoni prezentata fil-21 ta' Ottubru **1980**. Dawn il-fatti jirrizultaw pacifici u ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-konvenut fin-nota ta'l-osservazzjonijiet tieghu ssottometta f' dan ir-rigward li *"r-revizjoni li saret fl-1966 ma jistax ikollha l-effett illi tikser il-preskrizzjoni ghar-rigward ta' dak kollu li hemm fl-istima ghax dik ir-revizjoni ma tikkostitwix 'rikonoxximent ta' jedd' reklamat fil-kawzi odjerni mill-atturi fit-termini tal-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili."*[11]

*Osservazzjonijiet guridici*
Illi qabel ma din il-Qorti tikkummenta fuq il-bran fuq citat, huwa opportun li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet ta' natura legali relattivi ghall-kuncetti tal-interruzzjoni u rinunzja ghall-preskrizzjoni, kif koncepit fil-ligi u kif interpretat fil-gurisprudenza lokali.

Illi l-Artikolu 2133 tal-Kap.16 jddisponi li *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*[12]

*"Kif josserva l-Laurent*[13] *ir-rikonoxximent huwa rinuzia ' Chi riconosce I diritti del creditore fa una rinuncia ….. il*

[11] Fol.156 – sottolinear mizjud
[12] Sottolinear tal-Qorti
[13] Vol.XXXII. pg.95 para 123

*riconoscimento implica una rinunzia; coll' ammetere il diritto della persona contro la quale si sta prescrivendo io rinuncio a valermi del tempo gia corso a mio profitto'. Il-gurisprudenza maltija [Prim Awla* ***Farrugia vs Perini***[14]*] ikkunsidrat l-interruzzjoni anki bhala 'l' abdicazione di un diritto' [App.Civ.* ***Alfred Brownrigg vs Giuseppe Fenech****]*[15]

Inoltre, l-artikolu 2134 tal-istess Kap jiddisponi li *"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih".*

Illi in kwantu ghar-**rinunzja** tal-preskrizzjoni gia kompita, din il-Qorti, diversament presjeduta Fil-kawza ***Annunziato Camilleri vs Angelo Borg*** *[Prim Awla 21 ta' Marzu 1959]*[16] *]*[17], osservat li min jaccetta li jhallas parti minn somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwstata. izda

*Osservazzjonijiet fattwali*

Illi fil-kaz in disamina, jirrizulta li, ghalkemm l-ammont tal-kumpens originarjament inhareg mill-Kummissjoni bejn is-snin 1952 u 1953 jirrizulta li l-atturi Barbara qatt ma kellhom intenzjoni li jirrinunzjaw ghat-talba taghhom ta' circa Lm57,000. Fid-deposizzjoni tieghu l-Perit Barbara jghid hekk: *"Wara li sar l-assessment jien iltqajt diversi drabi mal-Kummissjoni peress illi s-somma li kienet approvata kienet sostanzjalment anqas minn dak li kien gie mitlub. ….. xi ghaxar snin wara, din is-somma [approvata] kienet giet mibdula ghal Lm29,000 u dan kien fis-snin sittin".*[18]

Dawn huma l-unici elementi ta' prova li ghandha quddiemha din il-Qorti biex tiddeciedi jekk kienx iddekorra l-perijodu ta' hames snin mehtieg ghall-kompiment tal-

[14] Vol.XII.1901
[15] 30 ta' Ottubru 1936 – Vol.XXIXC.II.755
[16] Vol.XLIII.II.684
[17] Vol.XLIII.II.684
[18] Fol.245

preskrizzjoni kwinkwennali, u jekk f' dan il-perijodu jirrikorrux cirkostanzi li jwasslu guridikament ghall-interruzzjoni ta' dan il-perijodu preskrittiv. Illi ma hemmx dubbju li bejn is-snin 1952, 1953 u r-revizjoni li harget mill-Kummissjoni fis-sena 1966 ghaddew aktar minn hames snin; fil-fatt ghadda perijodu ta' circa 14 il-sena. Mill-provi rrizulta biss li matul dan il-perijodu il-Perit Joseph Barbara kien iltaqa' diversi drabi mal-Kummissjoni peress li ma kienx accetta l-ammont originarjament mahrug. F' dan ir-rigward huwa rilevanti dak li osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Anthony Guillaumier vs Joseph Cassar Aveta***[19] fis-sens li trattattivi bi skop ta' transazzjoni jinterrompu l-preskrizzjoni u jghatu fondament ghar-rinuzja interruttiva tacita tal-istess *"reggiandosi negli effetti la rinunzia alla prescrizione alla ricognizione, sia pure tacita, del proprio debito sull fondamento che il debitore quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle pretese e fa' abbastanza perche' il precetto [tal-ligi] sia sodisfatto [Vol.XXIV.II.589; XXXII.I.639; XVIII.II.621; XLII.I.153]"*

Fil-kaz in disamina, ma jidhrix li d-diskussjonijiet li saru bejn il-Perit Barbara u l-Kummissjoni jistghu jissejjhu trattativi. Mill-provi jirrizulta li dan kien iltaqa' diversi drabi ma' wiehed mill-membri teknici tal-Kummissjoni, il-Perit Luigi Sansone, biex jipprova jikkonvincih li dak li kien qed jitlob hu kien gust u permess mill-ligi. Pero' dawn id-diskussjonijiet ma jistghux jitqiesu bhala li saru bi spirtu ta' transazzjoni <u>da parti taz-zewg nahat</u>. Ma rrizultax li l-Kummissjoni kienet <u>matul il-perijodu ta' circa 14 il-sena uriet li kienet propensa li taccetta li tirrivedi l-ammont originali</u>. Di fatti, ir-revizjoni li kienet eventwalment saret, sehhet sussegwentement fis-sena 1966 u kienet saret <u>**wara**</u> li l-atturi kienu bnew parti mill-fondi u <u>**wara**</u> li kienu urew lill-Kummissjoni l-kontijiet tan-nefqa, li dina accettat li terga' tikkonsidera l-kumpens originali fid-dawl tal-kontijiet prodotti u li eventwalment wasslu sabiex tawmenta l-ammont tal-kumpens. Kien wara dawn ic-cirkostanzi li l-Kummissjoni, wara 14 il-sena, accettat li tirrivedi l-ammont.

[19] Vol.LXXX.II.1458 [1998]

Illi inoltre, ghandu jigi osservat li ghalkemm il-prova tal-preskrizzjoni tispetta lid-debitur li jkun invokaha, a bazi tal-massima legali li minn jallega jrid jipprova *[incumbit ei qui dicit non ei qui negat]*, minn naha l-ohra, f' kaz ta' kontestazzjoni dwar l-esistenza ta' cirkostanzi li jservu biex jinterrompu l-perijodu preskrittiv, l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward jirrisjedi fuq min ikun qed jallega dawn ic-cirkostanzi.

Fil-kaz in disamina, l-unika prova li tesisti f' dan ir-rigward, hija x-xhieda tal-Perit Joseph Barbara li huwa kien iltaqa' diversi drabi, matur perijodu ta' circa 14 il-sena mal-kummissjoni. Ghalkemm hija logika l-presunzjoni li dana kien iltaqa' mal-Kummissjoni biex jiddiskuti l-oggezzjoni tieghu, ma ngabet ebda prova, kemm dwar iz-zmien li fih kien iltaqa' mal-Kummissjoni, kif ukoll dwar il-kontenut tad-diskors li ntqal. Ma giet prodotta, per ezempju, ebda korrispondenza f' dan is-sens jew li turi iz-zmien li fih saru dawn il-laqat. Il-Qorti tosserva li ma jistax jigi prezunt li dawn il-laqat saru precizament fiz-zmien opportun sabiex tul l-14 il-sena giet sistematikament interrotta l-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti ma rrizultawx cirkostanzi sufficjenti li ghandhom iwassluha ghall-konkluzjoni li matul id-dekors tal-perijodu ta' 14 il-sena kienu saru atti li effettivament jwasslu ghall-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv. Il-provi f' dan ir-rigward huma skarsi hafna u manifestament insufficjenti. Inoltre, il-fatt li ghaddha perijodu daqshekk twil qabel ma l-Kummissjoni ddecidiet li tirrivedi l-ammont, akkumpanjant mill-fatt li din id-decizjoni ittiehdet wara fatti godda [rikostruzzjoni parzjali u produzzjoni tal-kontijiet relattivi] jimmilita kontra l-interruzzjoni.

Fis-sentenza ***Is-Socjetajiet Kummercjali Dominic Department Stores Ltd. vs Is-socjetajiet Kummercjali Malta Dairy Products Ltd*** Onorabbli Qorti tal-Appell qalet hekk: *"Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu* ***univoci****. Il-Baurdry*

*Lacantinere*[20] *jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid illi: 'Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non poterebbero evidentement implicare il riconoscimento del debito"* Dan il-bran juri l-importanza ghall-fini tal-vertenza in disamina, tal-prova dwar il-kontenut tad-diskussjonijiet li l-attur Barbara allega li kellu mal-Kummissjoni, kif ukoll l-atteggjament ta' din tal-ahhar. Ir-rikonoxximent, da parti tad-debitur, li jinterrompi l-preskirzzjoni jrid jirrizulta minn provi cari u univoci u li manifestament ikunu *"inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizju tad-dritt".*

Illi in vista tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li sas-sena **1966** il-perijodu preskrittiv ta' hames snin kontemplat fl-Artikolu 2156 (f) lahaq iddekorra bil-konsegwenti kompiment tal-preskrizzjoni estintiva.

*Rinunzja*
Stabbilit li sas-sena 1966 ddekorriet il-preskrizzjoni kwinkwennali eccepita mill-konvenut, l-ezami li ghandu jsir f' dan l-istadju huwa jekk bl-ghemil taghha l-Kummissjoni rrinunzjatx ghall-preskrizzjoni kompita.

In tema legali jigi osservat li l-ligi tistipula li *"Tista' ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni gia akkwistata"* [Art.2108(2)] u fl-Artikolu sussegwenti tghid hekk: *"(1) Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita; (2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat".*

Illi r-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni trid tirrizulta *"da un fatto che suppone l' abbandono del diritto acquistato…. Comunque sia, non potrebbe esservi dubbio sul pensiero della Corte…… La volonta' tacita' deve essere tanto certa quanto la volonta' espressa…….il fatto deve essere di tale natura, che non lasci nessun dubbio sulla intenzione di abbandonare il diritto acquisito colla prescrizione".*[21] Fi

[20] Tratt.Teor.Prat.Dto Civ. Pag.393 *et seq.*
[21] *Laurent* citat fil-kawza App.Civ. ***Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe*** deciza 6 ta' Ottubru 1999 – Vol.LXXXIII.II.272

kliem iehor ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tikun rizultat ta’ attijiet jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b’ haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni ***[Vol.XXIX.I.326]***. Fil-kaz ta’ dubbju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur.[22] Dan huwa l-kuntest legali li fih ghandha tigi ezaminata r-revizjoni tal-ammont maghmula mill-kummissjoni, erbatax il-sena wara li kienet approvat l-ammont originali.

Illi din il-Qorti tosserva li tali revizjoni ma tistax tfisser haga ohra hlief li l-Kummissjoni riedet tirrinunzja ghall-preskrizzjoni gia akkwistata, u terga’ tezamina l-claim tal-atturi Barbara fid-dawl tal-kontijiet minnhom esebiti wara r-rikostruzzjoni parzjali tal-fondi. Bil-fatt *ut sic* li l-Kummissjoni accettat li terga’ ezamina l-pretensjoni ta’ Barbara hija abdikat u rrinunzjat ghall-jedd minnha akkwistat, u accettat li terga tikkunsidera t-talba tieghu. Jirrizulta car, ghal din il-Qorti li dan il-komportament tal-Kummissjoni ma jistax logikament jigi interpretat mod iehor; bir-rizultat li fis-sena 1966 id-dritt tal-atturi Barbara li jipprocedu gudizzjarjament rega’ gie ravvivat, u bl-ghoti ta’ awment fil-kumpens, hekk imsejjah *“permissible amount”* l-atturi r-riakkwistaw id-dritt li joggezzjonaw u jistitwixxu proceduri gudizzjarji a bazi tal-ammont kif rivedut. Fi kliem iehor, bl-accettazzjoni taghha ghar-rivizjoni tal-ammont, il-Kummissjoni abdikat ghad-dritt taghha li fil-proceduri istitwiti sussegwentement f’ Gunju 1971 topponi validament il-preskrizzjoni kontra l-pretensjoni tal-atturi. Ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat f’ dan l-istadju huwa jekk bejn il-hrug tal-ammont rivedut u l-prezentata tac-citazzjoni **[numru 510/71]** ddekorrietx il-preskrizzjoni kwinwennali.

Anki f’ dan il-kaz japplikaw in-normi legali fuq esposti fis-sens li huwa l-oneru tal-konvenut eccipjenti li jipprova d-dikorriment tal-preskrizzjoni, u l-mankanzi fil-provi f’ dan ir-rigward ghandhom jfavorixxu lill-atturi. Mill-provi rrizulta li r-revisjoni tal-kumpens saret fis-sena 1966, izda ma rrizultawx mill-atti la x-xahar li fih hareg l-ammont rivedut u wisq anqas id-data. Minn naha l-ohra c-citazzjoni in

[22] Ibid.

kontestazzjoni tal-ammont rivedut kienet giet prezentata mill-atturi fl-4 ta' Gunju 1971. Il-Qorti tosserva li, stante li ma rrizultax jekk ir-revisjoni hargitx qabel Gunju jew wara Gunju tas-sena 1966[23], din il-lacuna fil-provi, ghandha tmur kontra l-kompiment tal-preskrizzjoni estintiva; bir-rizultat li ma jistax jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali giet validament sostnuta bil-provi.

Illi l-kawza odjerna giet istitwita fil-mori tal-kawza fuq citata, cioe' numru 510/71 li nqatat proprju illum, u ghalhekk fit-termini tal-artikolu 2131 tal-Kap.16 il-perijodu preskrittiv jinsab interrot mill-imsemmija data.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet guridici u fattwali, il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mhumiex sostenibbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

**Cessjoni tad-dritt litigjuz**

Illi l-konvenut eccepixxa ulterjorment li *"stante li l-atturi ma sofrewx il-hsarat tal-gwerra huma stess, izda kienu qed jagixxu fil-vesti ta' cessjonajri tad-drittijiet litigjuzi fit-termini tal-Artikolu 1483 tal-Kodici Civili … [il-konvenut] qieghed jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet ta' [dan l-Artikolu] u qieghed jiddikjara li l-ammonti li huwa diga' hallas lill-attur ghandhom jkunu in sodisfazzjoni tal-prezz veru tac-cessjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif provdut fl-imsemmi Artikolu."*[24]

Illi l-bazi ta' din l-eccezzjoni tirrisjedi fix-xiri maghmul mill-atturi tal-fondi in kwistjoni, li jinkorpora fih ukoll cessjoni tad-dritt ghall-kumpens. Mill-provi rrizulta pacifiku li l-attur Joseph Barbara, u Emanuele Barbara [aventi kawza tal-atturi l-ohra] kienu ghamlu kuntratt fl-att tan-Nutar Doctor Joseph Spiteri, datat 20 ta' Mejju **1952** li permezz tieghu dawna xtraw minghand in National Bank of Malta, il-fondi in kwistjoni versu l-prezz ta' Lm16,000. Inkluza f' din il-komprovendita tal-fondi in kwistjoni, u inkluza fl-imsemmi prezz, hemm il-ftehim bejn il-partijiet li *"all compensation due by the War Damage Commission or by any other*

[23] Dan il-fatt huwa determinanti ghal-fini tal-komputazzjoni tal-perijodu preskrittiv.
[24] Fol.137

*authority for damages caused by enemy action in the tenements transferred by this deed, shall go in favour of purchasers …"*[25]

Illi skond id-defenizzjoni moghtija fl-Artikolu 1483 tal-Kap.16 fis-sub inciz 2 *"Il-jedd jitqies litigjuz meta jkun hemm kawza kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd jew meta l-kreditu ma jkunx likwidu u jkun difficli li jigi likwidat"* u fis-sub inciz 1, il-ligi tistipula li *"Dak li kontra tieghu jkun gie cedut jedd litigjuz, jista' jehles mic-cessjonarju billi jaghtih lura l-prezz veru tac-cessjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet meqjusa minn dak in-nhar li c-cessjonarju jkun hallas il-prezz tac-cessjoni."*[26]

In forza ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, il-konvenut, premezz tal-imsemmija nota prezentata minnu fis-27 ta' April 1995,[27] qed jippretendi li f' dan l-istadju jista' jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu rigward pagament li sar mill-Kummissjoni fis-sena 1966, cioe' kwazi tletin sena ilu; bir-rizultat li allura qed jargumenta li gia la darba il-prezz tal-fond [inkluz ic-cessjoni tal-jedd litigjuz] huwa ta' Lm16,000 u gia la darba l-ammont rivedut jammonta ghall Lm28,485 huwa, fit-terminu tal-imsemmi artikolu u b' applikazzjoni tal-istess, ma ghad fadallu jaghti xejn lill-atturi.

Illi in propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm jidher li c-cessjoni tal-jedd ghall-kumpens maghmul bl-imsemmi Att, tikwalifika bhala cessjoni ta' dritt litigjuz, stante li huwiex likwidat u huwa difficli li jigi likwidat; izda ghat-tesi tal-konvenut josta l-principju *selecta una via non datur recursum ad alteram*. Fi kliem iehor, meta l-Kummissjoni kienet approvat il-kumpens originali kif ukoll meta fis-sena 1966 kienet accettat rivizjoni ta' dan il-kumpens u approvat awment dovut lill-Perit Joseph Barbara u Emanuele Barbara, hija ghamlet xelta: dik, li minflok li ipprevalixxiet ruhha minn dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 1483, hija ghazelt li ma taghmilx hekk u minflok ghazlet li tapprova ammont rivedut. Fil-fehma tal-Qorti,

[25] Fol.165
[26] Sottolinera mizjud
[27] Fol.137

gia la darba fis-sena 1966 il-Kummissjoni ghazlet din it-triq, mhuwiex lecitu li issa, tletin sena wara, tippretendi li ghad ghandha d-dritt li tipprevalixxi mill-jedd kontemplat fl-imsemmi artikolu tal-ligi.

Dan l-Artikolu jghati <u>l-fakolta'</u> *[“jista’”]* lid-debitur li jehles mid-debitu tieghu bil-procedura hemm kontemplata, izda gia la darba d-debitur ghazel it-triq tal-pagament, dik l-opzjoni ma tibqax miftuha ghalih, ghax tacitament izda univokament, huwa meqjus li jkun irrinunzja ghaliha - dan fuq ghazla tieghu stess.

Illi inoltre, f’ dan il-kaz tezisti wkoll id-diffikulta’ ulterjuri li l-prezz tac-cessjoni ma giex indikat fil-kuntratt u ghalhekk baqa’ indefenit, presumibbilment inkluz fil-prezz tal-fond. Dan il-fatt *per se* jirrendi inapplikabbli l-imsemmi Artikolu li jibbaza il-helsien tad-debitur mic-cessjonarju billi jaghtih lura *“il-prezz veru [the actual price] tac-cessjoni”,* li f’dan il-kaz ma giet indikat mill-kontraenti.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li anke din l-eccezzjoni hija legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 1483 tal-Kap.16 billi tichadhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi rigward it-talbiet attrici, il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwarhom, wara li s-sentenza citazzjoni 510/71 fl-ismijiet “Emanuele Barbara et vs Salvino Bugeja noe” moghtija llum tghaddi in gudikat.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------